**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA 21 TA' AWWISSU, 2024**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, u l-kunsilliera is-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, is-Sur Jeremy Celeiro u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier is-Sur Kyle Mifsud.

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **3.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 3.1.1 | | Tressqet u ġiet approvata l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Is-Sur Kyle Mifsud, minħabba impenn familjari. **Dok 1 mehmuż**. Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillier Marisa D'Amato infurmaw li ser jaslu tard. |
| | | |
| **3.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 3.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tat-tieni seduta. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***3.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 3.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima laqgħat lis-Sur Carmelo Callus għall-unur li għamel fil-quiz Moħħok Hemm. Faħħret lil din il-persuna tal-unur li għamel għalih u għar-raħal u ppreżentatlu token bħala tifkira u rikonoxximent mill-Kunsill Lokali.<br><br>F'dan il-ħin daħlet għas-seduta l-Kunsillier Marisa D'Amato 18:20. |
| | | |
| 3.3.2 | | Is-Sindku qalet li:<br>• Ir-reġjun staqsew jekk il-Kunsill lokali hux interessat li jerġa jaqta' ż-żebbuġ mir-raħal, biex isir żejt. Kien hemm qbil li terġa issir din l-attivita, quddiem il-kappella ta' Sant Andrija u madwar il-Mitħna tax-Xarolla. Is-Sindku ħeġġet lill-Kunsillier biex jattendu u jgħatu daqqa t'id.<br>• Fl-4 ta' Settembru ser torganizza attivita fejn ser tieħu lill-anzjani 'Harbour cruise'.<br>• Fil-ġnien tal-Ġibjun hemm xi fencing nieqes, u marret mal-ħaddiema tal-PW li lesti li jagħmluhom huma.<br>F'dan il-punt il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hemm bandla bix-xibka mqatta. Hemm bżonn li l-Community Police jitilgħu fuq il-Ġibjun waqt li jkun hemm il-qalba tan-nies u mhux meta l-ġnien ikun vojt. Il-kunsillier Daniel Muscat qal li hemm bżonn li issir bollard fuq il-*junction box* is-safra għalix xorta qed jipparkjaw. Kien hemm qbil ukoll li quddiem ir-rampa ta' wara l-Ġnien tal-Ġibjun issir *bay blue* biex ir-rampa ma tkunx ostakolata. |
| | | |
| ***3.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 3.4.1 | | Il-Kunsillier Daniel Muscat :<br>• talab li ssir *notice board* f'Bubaqra għax li kien hemm tneħħiet. Kien hemm qbil li tintuża dik tal-kappella.<br>• Issuġġerixxa li titħawwel siġra kull xahar għal dawk li twiedu f'dak ix-xahar. Dan is-suġġeriment intlaqa tajjeb u għas seduta li jmiss ser jiġi msemmi l-post.<br>• Biex is-sleeping policeman li tneħħew issa jerġġħu jsiru tal-konkos/tarmac minflok tar-rubber għax dejjem qed jinsterqu. Kien hemm qbil li dan is-suġġeriment jingħadd lill-IM, li ser tkun qed tinstallhom, minħabba li kienet hi li għamlet ix-xogħol u neħħiethom.<br>• Kellmuh iż-Zurrieq Wolves li talbu li l-Kunsill jgħati kits għat-tournament tal-billiard. Il-Kunsillier Dino Bonnici, qal li hemm item fuq l-aġenda fuq kuntratti li l-Kunsill Lokali kien għamel maż-Żurrieq Wolves u Żurrieq FC. Hu qal li hu għalkemm ma jsibx oġġezzjoni fuq dan il-każ, qal li meta l-Kunsill ta liż- Żurrieq FC riċentament, ta minħabba li rrappreżentaw liż-Żurrieq barra minn Malta. Kien hemm qbil li l-Kunsill lest li jgħati darba f'din il-leġislatura ġdida. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li għalkemm it-talba taż-Żurrieq FC kienet għall-ammont ta' mhux aktar |

| | | |
|---|---|---|
| | | • minn 3,500Euro, l-invoice preżentati kienu ta' 2,113Euro u dak hu l-ammont li ħallas il-Kunsill Lokali.<br>• Irċevejna email fuq l-Eorpean week of sport li qed jistiednu lill-Kunsilli Lokali biex issir attivita sportiva bejn it-23 – 30 ta' Settembru. Hu qal li tkellem mas-Sindku u kien hemm qbil li jisiru attivitajiet fil-ġonna taż-Żurrieq.<br><br>F'dan il-ħin daħal il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia daħal fis-seduta ( 18:30) |
| | | |
| 3.4.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li :<br>• Residenti minn Triq il-Wardija qed jilmentaw fuq tindif li hemm bżonn fit-triq wara li saret bit-tarmak.<br>• Bżonn tindif fi Triq Salvu Saliba, - i-Segretarju Eżekuttiv qalet li din it-triq mhix magħmula b'hekk hemm ħafna trabijiet. Triq li ma tistax tinkines.<br>• Bżonn tindif ta' Triq Madre Tereza Nuzzo, Triq il-Barrieri u Triq E Grech u madwar il-Mitħna tax-Xarolla. |
| | | |
| 3.4.3 | | Il-Kunsillier Marylin Sammut issuġġeriet:<br>• Li jsiru korsijiet tal-ganutel u artiġjanat. Kien hemm qbil li hi tistaqsi lill-Arċipriet biex tintuża s-sala tal-kappella ta' Bubaqra.<br>• Fejn Ġnien il-Ġibjun fejn hemm il-bring in sites hemm bżonn tindifa.<br>• Biex f'Wied Fulija jkun hemm picnic tables u bandli. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Wied Fulija hi tal-Wasteserv u Wasteserv qalet li mhux ser tagħmel picnic tables u bandli.<br>• Madwar il-Mitħna hemm bżonn li jibdew imorru l-community police. |
| | | |
| 3.4.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq il-bankina ta' Triq Santa Katarina. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol inbeda wara li inġiebu l-permessi meħtieġa u ser ikunu lesti sa qabel tibda l-iskola.<br>Tkellem fuq il-bankina li saret fi Triq l-Imqabba fejn il-ħanut Convenience. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-pjanta li saret mill-perit kienet tressqet f'seduta u wara li ġiet approvata, tressqet għall-approvazzjoni ta' TM u ġiet approvata ukoll. Ix-xogħol sar minn PW. Jekk il-pulizija iżżomm l-ordni fl-akwata, il-proġett li sar ikun mifthiem aħar min-nies u t-traffiku jgħaddi aħjar. |
| | | |
| 3.4.5 | | Il Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal :<br>• Sqaq Sant Antnin, jinbidlu l-bozoz u jiġu bojod.<br>• Triq mill-Belle Veder sa Ħaġar Qim id-dawl mhux jixhel.<br>• Fuq barra ta' Wied Fulija hemm bżonn li jsir dawl. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitkellem mal-Enemalta forsi jsiru xi solar lights.<br>• Triq il-Ħaddiema biex isir yellow line, faċċata ta' garage. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Tkellem mas-Sindku biex jitla magħha għaż-żjara li ser ikollha f'Morphou f'Ottubru li ġej. Kien hemm qbil li hu jitla ukoll. Id-dati huma 10 sal-14 ta' Ottubru. |
| | | |
| 3.4.6 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:<br>• li l-Kunsill Lokali ser ikollu vouchers għall-feeders tal-qtates li mhux ser jeċċedu l-250Euro għal kull feeder u intitolati biss dawk li applikaw qabel il 31 ta' Lulju. Hi qalet li xorta jistgħu jibqgħu jiġu irreġistrati l-feeders, minħabba fini ta' liġi li jistgħu jitimgħu lill-qtates u jnaddfu warajhom.<br>• Tissuġġerixxi li l-Kunsill jixtri microchipped gun ħalli l-Kunsill ikun atrezzat biex ikun jaf il-qtates fuq min huma rreġistrati. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>• Għall-proġett tal-cat cafe,il-Kunsill Lokali ġie nnominat, inħeġġu lin-nies jivvutaw.<br>• Tinxtara żebgħa acrylic biex jerġgħ jinżebhu l-cat shelters. Qed taħdem biex titlesta r-*recovery room* ukoll.<br><br>• Orkestra Żurrieq ser tagħmel kunċert fit- 8 ta' Novembru. Qed tfittex sala biex isir dan l-avveniment. Ġie ssuġġerit li jkun hemm president u l-Kunsillier oġġezjonat u ġie deċiż li minflok ikun hemm chairperson. Is-Sotto Kumitat issuġġerixxa li c-chairperson ikun Joseph D'Amato l-ex kunsillier. Fuq stimi u nfieq l-Kunsill għandu jieħu ħsieb kollox. Kien hemm qbil li l-membri tas-sotto kumitat jiġu approvati mill-Kunsill waqt seduta. Kien hemm qbil li din tkun item fuq l-aġenda. Wara li jgħaddi l-kunċert ta' Novembru, dan is-Sotto Kumitat irid jgħamel costings tal-attivita li jkunu ser jorganizzaw biex ikunu approvati f'seduta tal-Kunsill. Hi qalet ukoll li hi prijorita, li jintgħażlu kantanti Żrieraq. |
| | | |
| ***3.5*** | | ***PROĠETT MISRAĦ IR-REPUBBLIKA*** |
| | | |
| 3.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet uriet il-pjanti tal-proġett ta' Misraħ Repubblika. F'dan il-punt il-Kunsillier Dino Bonnici, f'isem il-Kunsilliera Kyle Mifsud u Marilyn Sammut wera power point li ħejjew flimkien u spjega il-kontenut **Dok 2 mehmuż**. Hu qal li - *Fl-ewwel lok ahna nibqu tal-fehema li l-progett ghandu jmur ghal referenda biex igib l-approvazzjoni shiha tar-residenti Zrieraq.*<br><br>*Fit-tieni lok ahna nibqghu tal-fehema li l-layout (disinn) tal-pavimentar ghandu jkun miftuh ghaz- Zrieraq u m'humiex, izda li huma residenti z-Zurrieq, li jixtiequ jissottomettu d-disinn taghhom.* |

| | | |
|---|---|---|
| | | *Fit-tielet lok ahna nibqghu tal-fehema li ghandu jkun hemm arrangament specjali mal-awtoritajiet koncernati biex il-pjazza tkun dejjem disponibli ghas-Socjetajiet Zrieraq wara li l-progett ikun lest.*<br><br>*F'kull lok il-Kunsill diga ha decizjoni izda hassejna li kien ghaqli li jergghu jisemmew ghal kjarezza shiha mal-Kunsilliera*.<br><br>Kien hemm qbil li titmexxa email bil-proposti li għamlu u jekk ikun hemm kontro proposti jiġu diskussi fuq email, qabel issir il-laqgħa tal-komunita. Il-Kunsilliera għandhom sa nhar l-Erbgħa biex jekk iridu jikkummentaw u dak li jkun hemm qbil jingħataw lill-perit. |
| | | |
| ***3.6*** | | ***LAQGĦA ANNWALI U PJAN TA' ĦIDMA RIVEDUT*** |
| | | |
| 3.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li skont il-liġi, wara elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, jkun hemm bżonn li ssir laqgħa tal-komunita, fejn jiġi moqri il-pjan ta' ħidma rivedut (dan jinsab mehmuż ma dawn il-minuti **Dok 3** u ġie approvat mill-Kunsill).<br><br>Is-Sindku ssuġġeriet li l-laqgħa ssir nhar il-25 ta' Settembru, fis-18:30. fis-sala tal-iskola primarja u jiġi diskuss il-proġett ta' Misraħ Repubblika. Kien hemm qbil li jiġi mqassam komunikat mar-residenti kollha taż- Żurrieq, biex ikunu infurmati li jistgħu jattendu.<br><br>Kien hemm qbil ukoll li jkun nfurmat il-perit tal-proġett sabiex iwieġeb għall-mistoqsijiet tal-pubbliku. |
| | | |
| ***3.7*** | | ***SKADENZA TA' KUNTRATTI MA – ŻURRIEQ WOLVES U ŻURRIEQ FC*** |
| | | |
| 3.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-kuntratti ta' ftehim li l-Kunsill Lokali għandu maż-żewġ għaqdiet. Dawn il-kuntratti jiskadu f'din is-sena u kienu applikabbli għal- 3 snin.<br>Liż- ŻURRIEQ WOLVES l-Kunsill kellu ftehim li jgħati l-ammont ta' 800Euro fis-sena biex jorganizzaw attivitajiet sportivi għal studenti ta' bejn ġames snin u ħdax il-sena u liż- ŻURRIEQ FC l-Kunsill kellu ftehim li jgħati l-ammont ta' 600Euro fis-sena biex jorganizzaw attivitajiet fid-dixxiplina tal-football.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li r-raġuni li wieħed kien jieħu 600E u l-ieħor 800E, għaliex wieħed kien jagħmel aktar attivitajiet sportivi minħabba li n-nursery kienet f'idejn iż-Żurrieq Wolves. Hu ssuġġerixxa li l-ammonti minn issa 'l quddiem jiġu t-tnejn l-istess ta' 800 Euro u jiskadi fl-aħħar ta' din il-leġislatura. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***3.8*** | | ***OĠĠETTI MILL-INVENTARJU BIEX JITNIŻLU BĦALA SCRAPED ITEMS*** |
| | | |
| 3.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lista ta' oġġetti li m'għadx għandhom użu għall-Kunsill, jew għax tkissru/vandaliżmu/ġew mibdula għax ikun għadda ż-żmien |

| | | |
|---|---|---|
| | | tagħhom. Dan il-proċess irid isir minn żmien għal żmien minħabba l-accounts tal-Kunsill. **Dok 4 mehmuż.** |
| | | |
| ***3.9*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***3.9*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 3.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kunsill fuq il-Clean up day li ser issir fil-15 ta' Settembru, fl-akwata ta' wara tal-ġnien tal-Ġibjun.<br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hemm bżonn li l-Kunsill jixtri ingwanti, boroż, pali u xkupi. Kien hemm qbil ukoll li jixtara l-ilma u xi ħobż għal dawk li ser jgħatu l-għajnuna.<br><br>F'dan il-ħin il-Viċi Sindku ħareġ mis-seduta 20:20. |
| | | |
| 3.9.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-perit għamel il-pjanti tal-proġett ta' Triq San Martin, biex jikber il-parkeġġ. Kien hemm qbil il-pjanti tal-perit, biex jitressqu għall-approvazzjoni ta' TM. **Dok 5 mehmuż.** |
| | | |
| ***3.9*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 3.9.1 | | Il-minuti tar-Reġjun Punent numri 36, 37 u 38 u minuti tal- Gal xlokk ma [ewx irċevuti. Dawn ġew approvati. |
| | | |
| ***3.10*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 3.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 6** għall-ammont totali ta' €100,171.85<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Daniel Muscat u Jeremy Coleiro. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***3.11*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 3.11.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:40. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 25 ta' Settembru, 2024, fil-5:30 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' SETTEMBRU, 2024

| | |
|---|---|
| Rita Grima<br>**Sindku** | Josianne Cilia Mumford<br>**Segretarju Eżekuttiv** |